Il-kummiedja 'Ħorrox Borrox' fir-Rabat

L-Għaqda Drammatika Rabat se tippreżenta l-kummiedja fi tliet atti bl-isem 'Ħorrox Borrox'. Din il-kummiedja se ssir nhar is-Sibt 12 u l-Ħadd 13 ta' Diċembru fis-Sala Parrokkjali Dun Karm Lia fir-Rabat u tibda fis-19:00.

Ġoġo, ġuvni midjun u ħawwadi, kien jgħix ma' ħuħ Pawlinu, sinjur, u martu Ġulja. Fidolino, surmast tal-mużika, ikellem lil Ġoġo biex jiktiblu operetta. Tinqala' Lola, tfajla fuq tagħha u tmur għand Ġoġo biex tkanta l-opra hi. Pawlinu jiġi mis-safar u jsib lil din it-tfajla d-dar. Ġoġo jidħol f'basla flimkien ma' Fidolino u Lola, u jibda jagħmel affarijiet ta' ħorrox borrox. Jinħolqu ħafna sitwazzjonijiet tad-daħk.

F'din il-kummiedja mill-isbaħ se jieħdu sehem George Agius, Joanne Fsadni, Joe Borg, Antida Agius, Manwel Galea, Mary Scerri Abela, Yurgen Scibberas, Leanne Bugeja u Manwel Cassar.

Uħud mill-atturi li se jieħdu sehem fil-kummiedja 'Ħorrox Borrox'

Wirja ta' presepji f'Birkirkara

L-Għaqda Wirjiet San Ġużepp Ħaddiem ta' Birkirkara, għat-13-il sena konsekuttiva, se torganizza l-Wirja Annwali tal-Presepji. F'din il-wirja wieħed jista' jsib għadd ġmielu ta' presepji ta' kull daqs u għamla, kif ukoll bambini, kwadri u oġġetti oħra relatati mal-Milied.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom l-oġġetti esibiti huma magħmulin bl-idejn mill-esibituri nfushom. Barra minn hekk, se jkun hemm esibiti wkoll xi presepji, bambini u kwadri antiki li se jkunu qed jintwerew fil-pubbliku għall-ewwel darba.

Waqt il-ġranet tal-wirja, se jsir ukoll bejgħ ta' ponsjetti, pjanti u ħelu tal-Milied. Ikun hemm ukoll bar/kafetterija fejn wieħed jista' jieħu xi ħaġa mal-familja jew mal-ħbieb.

Il-wirja se tittella' fiċ-Ċentru Parrokkjali San Ġużepp Ħaddiem, f'71, Triq Bwieraq, Birkirkara, u tiftaħ nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru. Tibqa' miftuħa sal-Ħadd 27 ta' Diċembru. Il-ħinijiet tal-ftuħ ikunu kuljum mid-09:00 sa 12:00 u mill-16:00 sat-20:00. Id-dħul hu b'xejn.

Din il-wirja mhix ta' min jitlifha, speċjalment min hu dilettant tal-presepju, kif ukoll kull min jixtieq jidħol fl-ispirtu tal-ġranet sbieħ tal-Milied. Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku wirjasgh.webs.com, jew mill-paġna tal-Għaqda Wirjiet San Ġużepp Ħaddiem fuq facebook.

Kunċert tal-Milied minn Din l-Art Ħelwa

Nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru, Din l-Art Ħelwa qed tistieden lill-pubbliku għal kunċert ta' għanjiet tal-Milied, *Bright Morning Star*, li se jsir fil-Knisja tal-Vitorja, il-Belt Valletta. Il-kunċert mill-kor ENKOR jibda fis-19:30.

Din hi okkażjoni biex il-*pubbliku jkun jista'* jara l-volta xogħol ta' Alessio Erardi li, wara bosta snin, issa nkixfet biex tkun tista' titgawda u jkun apprezzat dan ix-xogħol tal-pittur Barokk Malti. Il-pubbliku hu mitlub jagħti donazzjoni ta' €10 f'ġieħ il-fond għar-restawr tal-Knisja tal-Vitorja. Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel 21220358 jew 21225952 jew jibgħat *email* fuq info@dinlarthelwa.org.

Xogħol ta' Ġulja Holland fil-Biennali tal-Arti

'Dreams of a child' hu l-isem ta' xogħol tal-arti tal-artista Ġulja Holland li jifforma parti mill-Biennali Kontemporanja tal-Arti tal-Katidral tal-Imdina li qed issir bħalissa. Ix-xogħol jittratta vittma żgħira tal-gwerra fil-konflitt f'Gaża fl-artijiet okkupati u hi xokkanti u tiġbed l-attenzjoni tal-udjenza għal post ta' konfrontazzjoni u ħsieb profond.

Il-Biennali fetħet fit-13 ta' Novembru u tibqa' sejra sas-7 ta' Jannar, u hi organizzata minn Dr Giuseppe Schembri Bonaci. Din tinkludi xogħlijiet ta' artisti lokali u barranin minn 27 pajjiż.

Ix-xogħol ta' Ġulja Holland jinsab għall-wiri fl-ewwel sular tal-Mużew tal-Katidral u jorbot mat-tema tal-Biennali 'Kristjanità, Spiritwalità' u tinsab biss ftit bogħod mill-kurċifiss kbir u għalhekk f'pożizzjoni perfetta biex twassal il-messaġġ maħsub tagħha.

Ġulja Holland bħalissa qed tgħix f'Malta wara li lestiet il-BS (Hons) Fine Arts minn Leeds College of Art. Hi tispeċjalizza fil-pittura u tieħdu sehem u hi wkoll kokuratur ta' wirjiet fir-Renju Unit. Holland ħadet sehem fil-famuża wirja 'Free Range Degree' f'Londra u bħalissa qed tħejji biex tospita l-ewwel wirja tagħha f'Malta li se ssir fil-Mużew Wignacourt fir-Rabat, f'Marzu li ġej.